MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1210/2010

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Maria Assunta Schembri (Id. 82202L).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' sitt mija, hamsa u ghoxrin ewro u sitta u tmenin centezmu (€625.86) minghand il-konvenuta, in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21581527. U peress illi l-konvenuta baqghet inadempjenti, kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe mit-23 ta' Ottubru 2008 kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija, hamsa u ghoxrin ewro u sitta u tmenin centezmu (€625.86), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------